Wirt Artna



# "Wirt Għawdex"

kitba ta' DR. STEPHANIE JEAN COPPINI, Wirt Għawdex P.R.O.

X'inhu l-għan ta' l-għaqda Wirt Għawdex? Kif bdiet?

Oriġinarjament imwaqqfa lejn l-aħħar tas-snin sebgħin, Wirt Għawdex hija għaqda volontarja u totalment indipendenti mill-Gvern. F'dak iż-żmien kien għad m'hemmx daqshekk apprezzament lejn il-wirt kulturali t'Għawdex, u għaldaqstant, inħass il-bżonn ta' xi għaqda biex propju timla dan il-vojt. Grupp imdaqqas ta' żgħażagħ beda jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fil-kappella ta' San Ġużepp ġewwa ċ-Ċittadella, u dan wassal biex twaqqfet is-soċjetà Wirt Għawdex. Ġie mniedi l-Istatut, u ntagħżel kumitat li jmexxi s-soċjetà. Importanti ħafna li wieħed japprezza li Wirt Għawdex taħdem esklussivament fuq bażi volontarja, fejn il-membri tal-kumitat jiddedikaw ħafna minn ħinhom f'ħidma impenjattiva li tirrekjedi ammont konsiderevoli ta' xogħol u ħin. Ġie ddeterminat li l-għanijiet prinċipali tas-soċjetà jkunu li tkattar l-għarfien tal-wirt kulturali fost il-livelli kollha tas-soċjetà, filwaqt li tissalvagwardja, bl-aħjar mod possibbli, il-patrimonju naturali, arkeoloġiku, storiku u antropoloġiku tal-gżejjer t'Għawdex u ta' Kemmuna.

X'tagħmel l-għaqda Wirt Għawdex?

Matul is-snin, Wirt Għawdex kienet instrumentali ħafna fit-tkattir t'għarfien dwar restawr ta' siti speċifiċi bħal per eżempju, iċ-Ċittadella, il-Ġgantija, Xagħra Stone Circle, it-torri tax-Xlendi, oġġetti t'arti tal-knejjes lokali, l-ewwel magna ta' l-istampar f'Għawdex, u karatteristiċi oħra f'Għawdex. Wirt Għawdex tara ukoll li f'Għawdex u Kemmuna jsir żvilupp sostenibbli, u ssemma leħenha mhux biss permezz ta' l-istampa u l-mezzi ta' komunikazzjoni lokali, iżda wkoll, f'każ ta' proġetti kbar ta' żvilupp u xi kultant kontroversjali, billi torganizza laqgħat apposta għall-membri tagħha u l-pubbliku in ġenerali, fejn eventwalment dawk preżenti jesprimu ruħhom permezz ta' vot ħieles, u tittieħed deċiżjoni skont ir-rieda tal-maġġoranza. U dan dejjem wara li Wirt Għawdex tkun studjat bir-reqqa kull fażi ta' l-iżvilupp u l-'Environmental Impact Assessments'.

Matul is-snin sa llum, xi membri tal-kumitat ta' Wirt Għawdex huma wkoll membri fuq diversi bordijiet governattivi mwaqqfa apposta biex iħarsu l-wirt kulturali tal-gżejjer tagħna. Wirt Għawdex hija wkoll membru sħiħ fl-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet Mhux Governattivi Għawdxin (Gozo NGOs Association) u l-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet Volontarji (Voluntary Organisations Association) li ġiet imwaqqfa riċentament permezz ta' liġi speċifika. Preżentament, Wirt Għawdex iżżomm il-laqgħat tagħha fil-loġġa tal-kaċċa tal-Granmastru ġewwa l-wied pittoresk tal-Lunzjata, limiti tar-raħal ta' Kerċem, grazzi wkoll għall-Ministeru għal Għawdex.

Matul is-snin, Wirt Għawdex kienet minn dejjem attiva ħafna torganizza 'lectures' (bla ħlas u miftuħa għall-pubbliku in ġenerali) u seminars annwali fuq aspetti differenti tal-wirt kulturali t'Għawdex, kollha mogħtija mill-esperti kkonċernati f'dak il-qasam partikolari. Wirt Għawdex torganizza wkoll 'guided tours' għall-postijiet ta' interess f'Malta, Għawdex u Kemmuna, u saħansitra anke barra minn Malta. Dawn il-'lectures' u 'guided tours' isiru dejjem bl-Ingliż biex b'hekk ikunu jistgħu jattendu anke nies ta' nazzjonalità barranija. In-numru konsiderevoli ta' barranin li jattendu dawn l-attivitajiet jagħti lil Wirt Għawdex sens ta' sodisfazzjon, għaliex l-interess tagħhom fil-wirt kulturali ta' gżiritna qiegħed dejjem jikber. Dan huwa wkoll xhieda li x-xogħol volontarju tal-membri tal-kumitat ta' Wirt Għawdex qiegħed dejjem jiġi apprezzat.



Wirt Għawdex tara wkoll li torganizza

attivitajiet soċjo-edukattivi u ta' rikreazzjoni. Xi eżempji mill-passat jinkludu dawra bil-ħelikopter u mawriet bid-dgħajsa madwar Għawdex u Kemmuna, serati muż iċi-letterarji, '*soirée d'opera and gala dinner*', mixjiet fil-kampanja, 'barbeques' ħdejn il-baħar, u ikliet. Attivitajiet bħal dawn iservu ta' okkażjoni biex Maltin, Għawdxin u barranin isiru jafu lil xulxin aktar u jagħmlu ħbieb ġodda. Konxja ta' l-importanza li uliedna jitrawmu b'għarfien tal-wirt kulturali nazzjonali, Wirt Għawdex organizzat ukoll kors ta' l-arti, kitba kreattiva, u fotografija, għat-tfal ta' l-iskola sekondarja, għal matul tlett isjuf konsekuttivi. Dawn kollha kienu ta' suċċess, u ta' dan Wirt Għawdex tinsab grata ħafna. Madanakollu, hija x-xewqa ta' Wirt Għawdex li tara aktar żgħażagħ u studenti jinteressaw ruħ hom fis-soċjetà u fil-wirt kulturali ta' gżiritna.

Wirt Għawdex ippubblikat ukoll diversi pubblikazzjonijiet ta' kwalità, fosthom Ħbiebna fin-Natura (1998), fuljett b'kuluri vivaċi mmirat lejn it-tfal ta' l-iskola primarja, li jintroduċihom għall-insetti u fjuri tal-gżejjer tagħna; Voyage Pittoresque des Isles de Sicile, de Malte et de Lipari (1999), riproduzzjoni ta' sitt inċiżjonijiet fuq Għawdex ta' Jean Houel, b'librett bit-test oriġinali tal-Franċiż u bi traduzzjoni bl-Ingliż; u Veduta del Porto detto Migiarro nell'isola del Gozo verso levante, riproduzzjoni ta' 'watercolour' ta' Salvatore Busuttil, b'introduzzjoni fuq is-suġġett mill-esperti. Il-kumpanija Gozo Channel Company Limited ippubblikat The Gozo Boat (2001), ktejjeb miktub mis-Sur Joseph Muscat, li jagħti informazzjoni fuq id-dgħajsa tal-latini li kienet taqsam bejn Malta u Għawdex fil-passat. Dan l-aħħar ktejjeb huwa in konnessjoni ma' wieħed mill-proġetti ta' restawr f'idejn Wirt Għawdex – dak ta' l-unika dgħajsa tal-latini f'Għawdex, li kienet iġġib l-isem Sacra Famiglia G32 – proġett li qiegħed jiġi ffinanzjat fl-intier tiegħu mill-Gozo Channel Company Limited (is-suċċessur tad-dgħajsa tal-latini) bl-għajnuna tad-donazzjonijiet li jirnexxielha tagħmel Wirt Għawdex.

Xi proġetti ta' restawr għandha preżentament f'idejha l-għaqda Wirt Għawdex?

Bħalissa, Wirt Għawdex hija parti f'diversi 'Management Agreements' mal-Ministeru għal Għawdex, biex tieħu ħsieb u tamministra siti storiċi partikolari f'Għawdex. Dawn huma l-kappella medjevali ta' Santa Cecilia, f'Għajnsielem; it-torri ta' Mġarr ix-Xini fix-Xewkija; il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella; u d-dgħajsa tal-latini. Ir-restawr ta' Santa Cecilia, l-unika kappella medjevali li għadha teżisti f'Għawdex, kien beda jsir bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u issa huwa kollu ffinanzjat mill-kumpanija privata Baron Group, li kienet ukoll involuta fi proġetti ta' restawr oħrajn f'Għawdex u Kemmuna. Ix-xogħol fuq il-kappella miexi b'ritmu mgħaġġel – din kienet teħtieġ ħafna xogħol minħabba l-istat delipitat li kienet fiha, l-aktar kaġun tal-ħsarat kbar li ġarrbet bl-attakki vandali, inkluż ħruq, u bl-elementi.



It-torri u d-dgħajsa huma kważi lesti – fuq it-torri baqa' biss l-aħħar ftit irtokki u t-tqegħid ta' xi aperturi, u mistenni li jiġi nawgurat uffiċjalment f'Ġunju li ġej, filwaqt li d-dgħajsa jeħtiġielha biss il-passati finali taż-żebgħa. Id-dgħajsa qiegħda tiġi rrestawrata b'għożża kbira mill-aħwa Ġużeppi, Pietru u Karmenu Caruana, ulied id-disinjatur u l-bennej ta' l-istess dgħajsa. Qabel ir-restawr, id-dgħajsa kienet tassew fi stat tal-biki daqs kemm kienet immermra. Eventwalment, id-dgħajsa se tittieħed fiż-Żewwieqa, ix-Xatt, fejn se titqiegħed, b'mod permanenti, fuq bażi apposta għat-tgawdija tal-pubbliku, grazzi wkoll għall-Ministeru għal Għawdex. Huwa mistenni wkoll li din il-fażi tal-proġett tkun inawgurata uffiċjalment fis-sajf li ġej. Fl-aħħar fażi tal-proġett, imbagħad se titqiegħed fuq id-dgħajsa tinda kbira, forma tal-qlugħ tad-dgħajsa tal-latini, għall-protezzjoni mill-elementi. Wieħed jista' jimmaġina x'effett se jkollha fuq min ikun dieħel fil-port ta' l-Imġarr!

Rigward it-torri ta' Mġarr ix-Xini u l-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann, Wirt Għawdex qiegħda bħalissa tieħ u ħsieb biex tipprepara 'Interpretation Panels' f'diversi lingwi b'informazzjoni storika fuq is-siti, u li jispjegaw lill-viżitaturi l-istorja tas-siti u x'inhuma jaraw. F'kull fażi ta' kull proġett, Wirt Għawdex dejjem tieħu ħsieb li tinvolvi l-esperti fil-qasam partikolari, biex ir-restawr isir kif suppost. Bejn il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann hemm ukoll ftit xelters li kienu jintużaw mill-Għawdxin fit-Tieni Gwerra Dinjija. Wirt Għawdex diġà armat il-maħżen tal-porvli u bħalissa qiegħda tarma mill-ġdid ix-xelters b'oġġetti ta' dak iż-żmien. Fiż-żmien qarib, il-Water Services Corporation se tiftaħ set ta' 'silo pits' qrib il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann, liema 'silo pits' ukoll għaddew għand Wirt Għawdex dan l-aħħar permezz ta' 'Management Agreement' ieħor mal-Ministeru għal Għawdex. Dawn ukoll, wara r-restawr neċessarju, se jinfetħu għall-pubbliku.

Bla dubju, proġetti bħal dawn jieħdu numru ta' snin biex jitlestew, kemm minħabba l-grad ta' xogħol li jinvolvu kif ukoll minħabba l-ispejjeż konsiderevoli. Il-Ministeru għal Għawdex huwa sors t'għajnuna kbira, l-aktar fejn għandu x'jaqsam ħaddiema u materjal, li jiġu pprovduti kollha





mill-Ministeru. Huwa l-għan aħħari ta' Wirt Għawdex li tiftaħ dawn is-siti għall-pubbliku, ladarba l-proġetti jitlestew fil-fażijiet kollha tagħhom.

X'messaġġ tixtieq twassal l-għaqda Wirt Għawdex?

Il-membri tal-kumitat ta' Wirt Għawdex m'huma qatt nieqsa mill-entużjażmu u l-ideat, u għalhekk il-kumitat jagħmel ħiltu kollha biex ikompli b'din il-linja t'attivitajiet u proġetti, dejjem b'risq il-ġid komuni tal-wirt kulturali t'Għawdex u Kemmuna. Però, biex tagħmel dan kollu, Wirt Għawdex tiddependi mill-għajnuna kontinwa tal-membri, 'sponsors', fondi mill-Gvern ta' Malta, u mill-pubbliku in ġenerali, u l-għaqda hija grata ħafna lejhom.

Wirt Għawdex tappella lill-Maltin-Awstraljani biex meta jkunu Malta, jagħmlu kuntatt magħha ħalli l-membri tal-kumitat jiffissaw data u ħin magħhom biex ikunu jistgħu jiġu jżuru s-siti msemmija.

Jekk int interessat tkun taf aktar fuq Wirt Għawdex, u/jew issir membru, idħol fis-sit elettroniku www.wirtghawdex.org, jew ibgħat e-mail lil info@wirtghawdex.org. Min isir membru jkun qiegħed jgħin aktar biex Wirt Għawdex tilħaq dejjem l-għanijiet tagħha. Il-membri jgawdu wkoll skontijiet speċjali fuq l-attivitajiet tal-Wirt Għawdex u jirċievu wkoll in-'newsletter' perjodika tas-soċjetà Gwl. Indirettament, tkun qiegħed tgħin ukoll jekk ixxerred il-kelma ma' ħbiebek fuq Wirt Għawdex.

L-Istat tal-Wirt Kulturali f'Għawdex

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar progress kbir f'dak li għandu x'jaqsam mal-wirt kulturali f'Għawdex, xorta waħda baqa' ħafna x'isir. Bla dubju ta' xejn, il-wirt kulturali ta' gżiritna huwa uniku, u għalhekk għandna nibżgħu aktar għalih. M'huwiex biss attrazzjoni turistika u sors ta' dħul għall-ekonomija Maltija, iżda wkoll dak li jiddistingwina minn popli oħrajn u li jagħtina l-identità tagħna. Però, importanti li nżommu f'moħħna li l-wirt kulturali ta' pajjiżna jappartjeni wkoll lid-dinja kollha, u minħabba f'hekk għandna nibżgħu għalih aktar, għax fl-istess ħin għandna dritt li ngawduh. Dan kollu joħroġ mill-Att dwar il-Wirt Kulturali (Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta). L-għaqdiet volontarji stess, bħal ma hi Wirt Għawdex, jingħataw importanza kbira minn dan l-Att, partikolarment minħabba r-rwol sinifikanti li għandhom.

Fortunatament, dan l-Att kien influwenti ħafna fil-qasam tal-wirt kulturali f'Malta u Għawdex, l-aktar fejn tidħol l-amministrazzjoni u s-sovrintendenza tal-wirt kulturali. Madanakollu, f'Għawdex jinħass b'mod qawwi n-nuqqas ta' rappreżentant mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Kemm-il darba, Wirt Għawdex iltaqgħet m'okkażjonijiet fejn sar detriment għall-wirt kulturali f'Għawdex għax ma setax jiġi eżerċitat il-poter mogħti mill-liġi lis-Sovrintendent minħabba l-fatt li ma kienx preżenti f'Għawdex. Hija x-xewqa ta' Wirt Għawdex li din il-problema tiġi rrimedjata fl-iqsar żmien possibbli.

Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

Tel. 21553500